MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1220/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carmelo Magri]**
**[Spettur Keith Arnaud]**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Khaire Mohamad Shibani Hmaid Baiej**

Kumpilazjoni Numru: 1220/2008

**Illum, 29 ta' Dicembru, 2008**,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Khaire Mohamad Shibani Hmaid Baiej ta' 32 sena iben Mohamad u Aziza nee' El Ghaber imwieled f' Gharian, Libja fis-17 ta' Marzu, 1976 u li joqghod 17, Triq Moroni, Gzira, detentur tal-passaport Libjan bin-numru 546376-w.

Akkuzat talli fit-2 ta’ Dicembru, 2008 ghall-habta tad-21.20hrs flimkien ma persuna ohra mill-fond bl-isem ‘Ghomor Flats’ Nru. 1, sitwat fi Triq Sliema, Gzira, kkommetta serq ta’ apparat cellulari u fotografiku ghad-dannu ta’ Rafik Mohammad Al Hassun liema serq huwa kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil-lok u l-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Doris Cassar, liema hsara tammonta ghal-izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbejn centezmu (€116.47).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta’ wara din id-data xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruq, mehudha b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta’ wara din id-data f’ dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sikkina bix-xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-11 ta’ Dicembru, 2008 u fil-granet ta’ wara din id-data, ta’ isem falz lill ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jgahmel id-dmirijiet tieghu.

F’ isem l-ufficjal principali ta’ l-immigrazzjoni akkuzat talli telaq minn Malta taht ordni ta’ tnehhija datata 8 ta’ Jannar, 2005 jew ordni ta’ deportazzjoni u fil-11 ta’ Dicembru, 2008 u fis-snin ta’ qabel din id-data, minghajr ma talab permess biex jinzel l-art, jew permess biex jinzel l-art, u jibqa’ Malta jew minghajr ma talab biex jinghata permess ghal-residenza, minghajr ma iddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni din ic-

cirkostanza naqas li jaghmel dan, u dan bi ksur tal-Artikolu 24 tal-Kap 217 tal-Ligjiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, fil-11 ta' Dicembru, 2008 u fis-snin ta' qabel din id-data, ghamel uzu minn passaport mahrug f' isem persuna ohra, u cioe` passaport Libjan bin-numru 732435 li huwa mahrug f' isem huh Naji Mohamad Shibani Hmaid Baiej, u dan bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 325(1)(c), 334 u 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 24 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali kollha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni ta'l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat, u l-fatt li mat-tmiem dawn il-proceduri l-imputat ser jigi deportat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti u wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 325(1)(c), 334 u

338(g) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, l-artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 24 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta‘l-artikolu 28A ta’l-istess Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------